

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tas-7 ta' Lulju 2011 —
Valero Jordana vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-161/04)

“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Lista ta' riżerva ta' kompetizzjoni ġenerali u deċiżjonijiet individwali dwar il-ħatra ta' uffiċjali — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu — Protezzjoni tad-data personali — Regolament (KE) Nru 45/2001”

- 1. Unjoni Ewropea — Istituzzjonijiet — Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti — Regolament Nru 1049/2001 — Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata (Artikolu 253 KE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001) (ara l-punti 48 u 49)*
- 2. Unjoni Ewropea — Istituzzjonijiet — Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti — Regolament Nru 1049/2001 — Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti — Protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-bniedem — Portata — Obbligu ta' evalwazzjoni b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data ta' natura personali (Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 45/2001, Artikoli 1(1) u 2(a) u (b) u Nru 1049/2001, Artikolu 4(1)(b)) (ara l-punti 87-89, 91, 95, 96 u 102)*
- 3. Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Motivazzjoni mressqa fil-mori tal-kawża mhux imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata — Inammissibbiltà (Artikolu 253 KE) (ara l-punt 107)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 2004, li tirrifjuta lir-rikorrent l-aċċess għal-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni ġenerali A 7/A 6 COM/A/637 u għad-deċiżjonijiet individwali li jirrigwardaw il-ħatra ta' uffiċjali fil-grad A 6 mill-5 ta' Ottubru 1995.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tal-10 ta' Frar 2004, li tirrifjuta lil Gregorio Valero Jordana l-aċċess għal-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni ġenerali A 7/A 6 COM/A/637 u għad-deċiżjonijiet individwali ta' ħatra ta' uffiċjali fil-grad A 6 mill-5 ta' Ottubru 1995, hija annullata.
- 2) Minbarra l-ispejjeż tagħha, il-Kummissjoni għandha wkoll tbatl l-ispejjeż inkorsi minn G. Valero Jordana.
- 3) Ir-Renju tal-Isvezja għandu jbatl l-ispejjeż tiegħu.
- 4) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) għandu jbatl l-ispejjeż tiegħu.
- 5) Ir-Renju tad-Danimarka huwa mħassar mill-Kawża T-161/04 bħala intervenjent.
- 6) Ir-Renju tad-Danimarka għandu jbatl l-ispejjeż tiegħu.
- 7) G. Valero Jordana, il-Kummissjoni, ir-Renju tal-Isvezja u l-KEPD għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom dwar l-intervent tar-Renju tad-Danimarka.

Digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Lulju 2011 — Acetificio Marcello de Nigris vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-351/09)

“Rikors għal annullament — Reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika protetta —
Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà”